# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tal-Hamis, 26 ta' April, 2001**

**Numru: 3**

**Citazzjoni Numru: 1046/93 JF**

**Perit Arkitett Roger de Giorgio**

**vs**

**L-Avukat Dottor Victor E. Ragonesi in rapprezentanza tas-socjeta' estera Phoenicia Hotel Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

U premess li fl-1989 hu gie inkarikat bhala perit arkitett biex jiehu hsieb il-miljoramenti progettati fil-Phoenicia Hotel, Malta, versu l-onorarju miftiehem ta’ mija u hamsa u hamsin elf u hames mitt liri Maltin (Lm155,500) li minnhom hu gja’ thallas akkont disa’ u sittin elf disa’ mija u hamsa u sebghin lira (Lm69,975);

U premess li meta l-inkariku tieghu gie terminat ghal kollox il-progett kien lahaq “Stages F and G” skond id-dokument “Architect’s Appointment” (Dok G), u meta x-xoghol ikun lahaq dan l-istadju, t-total kumulativ dovut lill-arkitett ghandu jkun ta’ hamsa u sebghin fil-mija (75%), cjoe’, ta’ mija u tmintax-il elf tmien mija u hamsa u ghoxrin lira (Lm118,825), b’mod li l-attur ghad fadallu jiehu bilanc ta’ tmienja u erbghin elf tmien mija u hamsin lira (Lm48,850) jekk hu applikabbli dak id-dokument kif isostni l-konvenut;

U premess li altrimenti tkun applikabbli t-tariffa annessa mal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, skond liema tariffa l-attur ikun intitolat ghal zewg terzi tas-somma stipulata, cjoe’ tlieta u tletin elf sitt mija u tnejn u disghin lira (Lm33,692);

Talab li din il-Qorti ghar-ragunijiet imsemmija:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li x-xoghol tal-progett kien lahaq “Work Stages F and G” fuq imsemmija;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li, per konsegwenza l-attur hu intitolat ghall-hlas ta’ 75% tas-somma stipulata;

3. Tikkundanna lill-konvenut noe jhallas lill-attur il-bilanc minnu dovut ta’ Lm48,850 jew kwalunkwe ammont iehor verjuri, ikbar jew izghar, li jirrizulta dovut;

4. Jew, alternativament, tikkundanna lill-konvenut noe jhallas bilanc dovut ta’ Lm33,692 f’kaz li hi applikabbli t-trariffa tal-Kodici msemmi.

Bl-interessi skond il-ligi mill-21 ta’ Jannar 1992 u bl-ispejjez, komprizi ta’ ittra ufficjali tat-30ta’ April 1993, kontra l-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament li din l-Onorabbli Qorti hija inkompetenti tiehu konjizzjoni tal-kawza, nu li semmai fic-cirkustanzi tal-kaz l-istess kawza hija intempestiva, ghaliex il-partijiet ghal dak li jirrigwarda l-onorarju dovut lill-attur ftehmu li dan l-onorarju ghandu jigi bazat u regolat skond il-kundizjonijiet tal-R.I.B.A., u li stess kundizzjonijiet

jirrikjedu li f'kaz ta' nuqqas ta' qbil dwar l-istess Onorarju, il-kwistjoni trid tigi rimessa u deciza permezz tal-arbitragg.

2. Minghajr pregudizzju, li l-quantum tal-Onorarju gie definitivament fissat, l-attur baghat il-kont a bazi ta' dak il-quantum, u skond l-istess kont tieghu thallas a saldu.

3. Minghajr pregudizzju, li d-domanda alternativa tal-attur hija infondata fid-dritt u fil-fatt ghaliex l-istadju tal-operat tieghu ma lahaqx, kif jippretendi, 'F' u 'G', izda lahaq u lanqas ikkompleta l'istadju 'E' taht l-istess regolamenti tal-R.I.B.A.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut nomine fejn eccepixxa:

1. Illi l-ftehim li l-attur jigi mhallas skond ir-regolamenti tal-R.I.B.A. mhux biss jimporta l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti, izda li l-vertenza ghandha tigi rizolta minn dik l-organizzazzjoni.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lix-xhieda li giet prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament in-noti ta osservazzjonijiet tal-partijiet kontendenti;

Trattata ezawrjentement il-kawza;

Ikkunsidrat li mill-provi jirrizulta pacifiku li l-attur kien gie inkarikat professjonalment mis-socjeta' konvenuta in konnessjoni ma' xoghlijiet ta' kostruzzjoni u xoghlijiet ohra ancillari in konnessjoni ma' miljoramenti varji li kellhom isiru fil-lukanda Phoenicia, Malta. Jirrizulta pacifiku wkoll li ghal dawn is-servizzi, li kieku gew rezi kollha skond kif kien mahsub, l-attur kellu jithallas per saldu somma fissa fl-ammont komplessiv ta' Lm155,500 (mija u hamsa u hamsin elf u hames mitt lira Maltin). Hemm ukoll qbil li f'certu stadju l-inkariku moghti lill-attur gie mitmum. S'hawn il-qbil ghax min hawn 'il quddiem jibdew id-divergenzi, pjuttost notevoli, bejn il-kontendenti dwar is-servizzi li lahqu nghataw, l-ammont li kellu jircievi ghalihom l-attur u jekk finalment dan l-ammont giex saldat jew le.

Il-kwistjoni dwar gurisdizzjoni / inkompetenza.

Fl-ewwel paragrafu tan-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu, il-konvenut nomine ssolleva in linea preliminarja l-inkompetenza ta' din il-Qorti billi, skond hu, f'kaz ta' disputa, il-partijiet kienu ftehmu li r-relazzjoni ta' bejniethom kellha tigi regolata bil-kundizzjonijiet "R.I.B.A."

Ulterjorment imbaghad, l-istess konvenut nomine rega' eccepixxa l-inkompetenza ta' din il-Qorti, fis-sens li l-vertenza ghandha tigi rizolta mill-Organizzazzjoni Ingliza tar-R.I.B.A.

Min-naha tieghu, l-attur filwaqt li jaccetta li l-hlasijiet kellhom jigu kkalkolati u mahdumin fuq il-"R.I.B.A. Conditions of Engagement", ma jaqbilx li tali kundizzjonijiet kellhom jigu estizi biex jikkomprendu wkoll il-procedura ta' arbitragg f'kaz ta' tilwima dwarhom ad eskluzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta.

Il-Qorti tinnota li fil-kors tas-sottomissjonijiet taghhom, la naha u lanqas ohra ma ddilungat aktar jew accennat ghal dina l-eccezzjoni ta' natura legali. Certament ma jirrizultax mill-provi li kien hemm xi ftehim esplicitu jew inekwivoku dwar li l-partijiet ghandhom jew kellhom imorru quddiem tribunal ta' arbitragg f'kaz ta' tilwima, u trattandosi li din hija procedura

specjali u specifika, una volta li din ma tkunx tirrizulta la espessament u lanqas b'mod iehor attendibbli, anzi fil-kaz odjern naha minnhom qeghda tichad li jezisti tali ftehim, allura jfisser li tali eccezzjoni ma tirrizultax li hija legalment sostenibbli u qeghda ghalhekk tigi respinta. Dana jfisser li din il-Qorti ghandha kemm il-gurisdizzjoni kif ukoll il-kompetenza li tisma' u tiddeciedi din il-vertenza.

Il-Meritu tal-Vertenza.

Il-Qorti diga' esprimiet ruhha aktar qabel fis-sens li mill-provi akkwiziti jidher li l-attur kellu jithallas is-somma ta' Lm155,500 li kieku u kemm-il darba kollox mexa skond l-inkariku u kif kien ippjanat. Qalet ukoll li rrizulta li effettivament l-inkariku gie mitmum qabel gie tterminat ix-xoghol ipprogettat u dan ukoll billi tqabbad perit jew periti ohrajn biex jikkompletawh. Jirrizulta inoltre mill-provi li l-attur gja' kien ircieva hlasijiet min-naha konvenuta u li t-talba tieghu tikkoncerna bilanc ta' hlas minnu pretiz, michud pero' mill-kontroparti konvenuta ghax mhux dovut u dak dovut gie mhallas.

Illi biex il-Qorti tasal biex tirrizolvi din il-vertenza trid qabel xejn tistabbilixxi fuq liema bazi ghandha tigi kkunsidrata t-talba ta' l-attur. Dan ghaliex l-attur stess filwaqt li fl-ewwel lok javanza talba bilancjali versu l-ammont ta' Lm48,850 mahduma fuq il-kundizzjonijiet esteri

maghrufin bhala R.I.B.A. u cjoe' kalkolu ta' hamsa u sebghin fil-mija (75%) tat-total kumulattiv dovut u b'referenza ta' l-istadju tax-xoghol li lahaq gie attwat, l-istess attur jippostula alternattiva, f'ammont inferjuri ta' Lm33,692 mahdum a bazi tat-tariffa moghtija mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-konvenut nomine wiegeb li meta l-inkariku ta' l-attur safa' mitmum, l-attur baghtilhom kont ta' dak dovut lilu u dan thallas per saldu. Il-pretensjoni attrici kif dedotta fl-att tac-citazzjoni giet ibbazata fuq ir-Regolamenti tar-Royal Institute of British Architects (R.I.B.A.) – ara skeda u regolamenti a fol. 26 sa fol. 39 tal-process – li qabel il-kawza odjerna ma kienetx hekk avvanzata u dan jispjega wkoll l-alternattiva tal-attur ibbazata fuq it-tariffa tal-Kap. 12, li wkoll hija bla bazi billi xejn aktar m'hu dovut lill-attur bhala bilanc. F'kull kaz il-grad ta' xoghol – bhala stadju "F" u "G" skond it-tariffi R.I.B.A. – kif pretiz mill-attur ma kienx intlahaq ghax dan kien lahaq biss in parti, l-istadju "E" tar-R.I.B.A.

Illi x-xhud ewlieni f'din il-kawza apparti l-Quantity Surveyor Andrew Zammit, kien l-attur innifsu li xehed diversi drabi u gie wkoll kontro-ezaminat fit-tul – dan apparti mid-dokumenti koppjuzi li gew esebiti fil-kors tal-kawza. Illi, fil-fehma kkunsidrata ta' din il-Qorti, mill-provi li gew prodotti mill-attur, ikkontestati ghal kollox mill-parti konvenuta, jemergu bic-car zewg elementi, u cjoe',

i) Li l-attur innifsu kien gja' ffissa l-ammont li kien dovut lilu min-naha konvenuta wara li l-inkariku moghti lilu gie tterminat; u

ii) Li ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' pagamenti imhallsin lilu, l-attur kien impreciz ghall-ahhar.

Dwar l-ammont dovut lill-attur.

L-attur jikkontendi li huwa hadem u wasal fl-ammont bilancjali fit-tieni talba tieghu, jigifieri dak ta' Lm48,850, billi rrefera ghar-regolamenti tar-R.I.B.A., li bbaza mbaghad ruhu fuq li l-progett ghal dak li jikkoncerna lilu kien lahaq "stages F and G", u ghalhekk ikkalkula li kien dovut lilu 75% tal-ammont miftiehem, cjoe' li kellu jdahhal Lm118,825 (jigifieri 75% ta' Lm155,500) u peress li gja' kien lahaq thallas Lm69,975, kien ghad jonqsu jithallas l-ammont bilancjali imsemmi fit-tieni talba tieghu.

Fil-kors tax-xhieda, u partikolarment meta l-attur beda jiddeponi in kontro-ezami, jirrizulta li fil-fatt l-attur kien gja' baghat kont tas-servizzi tieghu lill-kontroparti ghall-ammont ta' Lm69,975 rapprezentanti 45% ta' Lm155,500 – hekk ara wkoll ir-"Request for Payment of Professional Fees" - a fol. 21 tal-process, bil-firma tieghu. Mitlub in kontro-ezami biex jispjega dan, l-attur jghid hekk (ara fol. 25)

*"Il-percentwal imsemmi ta' 45% huwa dak kontemplat bir-regolamenti ta' R.I.B.A. ghal kaz specifiku."*

*"Jiena fejn tlabt 45% u mhux 75%, din kienet ir-raguni ghaliex jiena dort item, item, is-servizzi li ghamilt, u fejn rajt li x-xoghol ma kienx kompletat, <u>allura jiena hassejt li kelli nitlob biss bir-rata inferjuri ta' 45% u mhux ta' 75% kif allura kont inkun intitolat</u>".*

*(sottolinear tal-Qorti).*

F'kontro-ezami sussegwenti mbaghad – dak tas-seduta tal-21 ta' Novembru 1994 – a fol. 77 – 82 tal-process – l-attur jelabora li,

*"dak iz-zmien tlabt 45% ghax kien ghadu ghaddej ix-xoghol, ma kontx waqaft".*

*"Jiena nghid li dakinhar, ma gejtx imwaqqaf mill-inkariku imma x-xoghlijiet gew sospizi minhabba li kien hemm azzjoni industrijali li kienet taffetwa x-xoghol tal-lukanda".*

Il-Qorti hawn tirrileva li r-"Request for Payment" a fol. 21 anness mal-att tac-citazzjoni ggib id-data tad-29 a' Jannar 1990. Minn diversi

dokumenti u korrispondenza – hekk ara per ezempju Dok RDG, fol. 110, jirrizulta li sas-26 ta' Settembru 1990 kienu saru hlasijiet ghax hemm riportat li f'din id-data l-attur rcieva hlas ta' Lm41,865.70c.

Illi fejn m'humiex allura jaqblu l-kontendenti huwa li filwaqt li l-attur jikkontendi li l-ammont ta' Lm69,975 u mitlub minnu kif fuq inghad ma kienx kont finali, il-konvenut nomine invece jghid li dan kien per saldu u kien beda jigi implementat b'pagamenti ta' Lm6,000 – fix-xahar, li fil-fatt irrizulta wkoll li bdew jigu vversati lill-attur.  Dana l-impasse bejn tezi u ohra jgibna ghat-tieni konsiderazzjoni li ghamlet il-Qorti dwar ix-xhieda moghtija mill-attur fis-sens li dina kienet impreciza ghall-ahhar. Bizzejjed jinghad ghalissa li f'mument minnhom l-attur lanqas ftakar, anzi cahad li kien ircieva gja' l-ammont ta' Lm69,975, haga li jippremettiha hu stess fl-att tac-citazzjoni!

Illi l-punt ikkontestat sew mill-kontendenti kien dak li jikkoncerna l-istadju ta' xoghol li lahaq sar meta l-attur kien ghadu fl-inkariku u li kieku kellhom japplikaw ir-regolamenti R.I.B.A.  Dan hu punt importanti ghaliex ifisser li aktar ma kien ikun avanzat l-istadju tax-xoghlijiet allura jfisser ukoll li l-percentwal ta' rimunerazzjoni dovut lill-attur ikun akbar.  Issa, filwaqt li skond l-attur l-istadju sal-mument ta' terminazzjoni ta' l-inkariku kien lahaq sa stadju "F" u "G" skond ir-regolamenti R.I.B.A., il-konvenut jikkontendi li dan ma kienx minnu ghax fil-fatt bilkemm kien gie tterminat

kollu l-istadju "E". Bhala provi l-attur ipprezenta diversi dokumenti dwar il-"brief" tieghu, komprizi pjanti u disinji – ara fol. 125 – 216, pero' fil-fehma tal-Qorti, b'daqstant il-Qorti ma gietx konvinta li dan kien bizzejjed biex iwassal ghall-prova rikjesta mill-attur. Minbarra dan pero', l-attur tella' b'xhud tieghu lil Andrew sive Andy Zammit, Chartered Quantity Surveyor biex jikkorroborah fuq dan il-punt kontroversjali u fis-seduta tas-16 ta' Marzu 1998, dan ix-xhud jghid inter alia dan, (fol. 260),

> *"Ghalija lanqas stage D ma kien allura finalizzat ghax kien ghadu jonqos affarijiet li kienu allura qed jinbidlu fil-kors tal-progett".*

Dina l-asserzjoni mhux biss toqrob ferm lejn dak li qed jeccepixxi l-konvenut nomine, imma addirittura twaqqa' dak kollu li pprova jistabbilixxi l-attur u dak li talab fl-ewwel talba tieghu fl-att tac-citazzjoni. Ix-xhud Andrew Zammit gie riprodott biex jixhed u dan xehed fl-20 ta' April 1998 pero' ma ccaqlaqx mill-pozizzjoni tieghu. L-attur tella' b'xhud tieghu wkoll lill-Perit Anthony Mangion pero' dan ma ddepona xejn ta' utilita' ghall-kawza ghax ftit baqa' jiftakar sew biex iforni dettalji precizi.

Mis-suespost u b'riferenza ghall-provi akkwiziti, il-Qorti m'hijiex tal-fehma li l-attur rnexxielu jipprova li x-xoghol kien lahaq l-istadju "F" u "G" u lanqas li kien dovut lilu hlas oltre 45% tas-somma miftehma – jigifieri li ma kellux jithallas oltre aktar minn Lm69,975 – kif originarjament talab.

Dwar l-ammont ta’ flus imhallas lill-attur.

Stabbilit li l-attur ma kienx haqqu jithallas izjed mill-ammont ta’ Lm69,975 kif stabbilit minnu stess, il-Qorti sejra tqis jekk tassew l-attur irceviex dan l-ammont jew le. Dan qeghda taghmlu ghar-raguni li f’certu stadju tad-depozizzjoni tieghu, l-attur jghid li mhux veru rcieva tali ammont imma ammont inferjuri – hekk ara depozizzjoni tas-17 ta’ Ottubru 1994, a fol. 75 – li pero’, ghandu jinghad li dina l-asserzjoni sorprendenti giet korretta b’depozizzjoni ulterjuri. Illi fil-fatt dana l-ezercizzju qed isir ukoll mill-Qorti aktar biex tistabbilixxi darba ghal dejjem jekk bil-hlas ta' Lm69,975 il-partijiet kienux qeghdin jifhmu li dan kien per saldu kif pretiz mill-konvenut nomine jew xort’ ohra kif allegat mill-attur nomine. Diga’ inghad li mill-provi prodotti mill-attur, din il-prova li htieglu jaghmel l-attur, jigifieri li l-ammont imsemmi kien biss wiehed parzjali ma tirrizultax. Kemm hi attendibbli mbaghad ix-xhieda moghtija mill-attur, ikun tajjeb li jsir accenn ghal certi rimarki dwarha maghmula fin-nota ta’ l-osservazzjoni ta’ l-attur stess,
fol. 337, it-tielet paragrafu

> ***“Premessa.***
>
> *Li l-attur minn mindu ezegwa (sic) l-kawza nesa hafna mid-dettalji tal-kaz …. Huwa ghalhekk ammess li fix-xhieda ta’ l-attur, viva*

*voce, hemm kontradizzjonijiet peress li huwa pprova jirrispondi ghall-mistoqsijiet li sarulu biss mill-memorja, thawwad u rrisponda l-istess mistoqsijiet diversament. …..".*

Fl-istess nota l-attur esprima l-konvinzjoni li minkejja dan u in forza tal-forza probatorja tad-dokumenti esebiti minnu, huwa xorta wahda kellu provi bizzejjed biex dak li qed jitlob jigi finalment akkolt. Il-Qorti mhix tal-istess konvinzjoni. Il-Qorti b'daqstant pero' trid taghmilha cara li hija ma qaghditx biss fuq xi "lapsus" f'seduta partikolari ghaliex dawn hwejjeg li jistghu jigru, imma ghall-kuntrarju, hija strahet fuq l-assjem tal-provi li gew prodotti quddiemha fil-kors tal-kawza. Hekk issemmi, qabel tikkonkludi d-deliberazzjoni taghha, li meta l-attur gie mistoqsi hekk hu kienx baghat kontijiet ohrajn wara li gie saldat l-ammont mitlub minnu ta' Lm69,975, huwa l-ewwel beda biex mill-gdid jirreferi ghall-ftehim u meta l-Qorti waqqfitu u ddirigietu biex joqghod ghad-domanda li saritlu (ara fol. 250) l-attur wiegeb li,

*"Minbarra dawk le, hlief li fl-ahhar bghattilhom kont ibbazat fuq (zewg) terzi ta' dak li kien dovut lili".*

Fil-fehma kkunsidrata tal-Qorti l-attur ma rnexxilux jaghmel il-prova necessarja in sostenn tal-premessi u talbiet tieghu fl-att tac-citazzjoni;

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tal-attur bl-ispejjez gudizzjarji kontra tieghu.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md